MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 387/2009

**A B**
**vs**
**C B f' isimha proprju u ghan-nom u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri D B; EB, d-Direttur tar-Registru Pubbliku; u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratrici Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw il-minuri D B, u sussegwentement estromessi mill-kawza, stante li l-imsemmija C B giet nominata kuratrici ad litem ta' l-istess minuri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-konvenuti C u EB izzewgu fis-17 ta' April 2006, u sussegwentement isseparaw de facto; li l-istess konvenuta dahhlet f' relazzjoni ma' l-attur, u minn din ir-relazzjoni extra matrimonjali twieled it-tifel D B fit-2 ta' Gunju 2009; li r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkonferma lill-

attur bhala l-missier naturali ta' dan it-tifel;  ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi l-intimat EB m' huwiex il-missier naturali tal-minuri D;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri D billi f' dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija fejn hemm imnizzel isem u kunjom missier it-tarbija  l-isem 'EB' jigi sostitwit bl-isem 'A B' u fejn hemm miktub fejn joqghod il-missier flok Msida jigi sostitwit Attard, u jekk ikun il-kaz jitnizzel isem u kunjom il-missier 'Henry B' li llum mejjet (missier il-missier tat-tarbija), u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba, u jekk jehtieg f' kull att iehor relattiv u segwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, wara li ssolleva zewg eccezzjonijiet, [1] u [2], ta' natura procedurali u li eventwalment gew irtirati fl-udejnza tal-10 ta' Gunju 2010 in vista tal-korrezzjonijiet li saru fir-rikors promotur, issolleva wkoll:

3. Illi fuq l-istess stregwa allura lanqas ma tista' tintlaqa' kompletament it-tieni talba tar-rikorrenti għaliex jekk kemm–il darba hu jirnexxilu jipprova għas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-minuri D B m'huwiex il-wild naturali tal-intimat EB, f'dak il-każ il-minuri jrid jiġi mniżżel bħala <u>l-wild ta' persuna mhux magħrufa</u>;

4. Illli subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu, b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri D B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, biex ir-rikorrent jirnexxielu b'suċċess jattakka l-filjazzjoni tal-minuri Sreven

B huwa jeħtieġlu jipprova l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejn il-konjuġi C u EB tul il-perijodu li jsemmi l-**Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Illi fl-istess waqt ir-rikorrent irid ukoll jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri D B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

7. Illi ulterjorment mingħajr preġudizzju għall-premes f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet ***'the said'*** li jinsabu qabel isem EB, senjatement fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm u l-kelmiet '***the father***' mir-ringiela fejn hemm indikat min għamel id-dikjarazzjoni għandhom jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1666 tas-sena 2009;

8. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u mill-Ispizjara d-Dottoressa Marisa Cassar;[1]

Rat atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

---

[1] Fols.6 *et seq.*

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li t-tifel D B li twieled mill-konvenuta C B fit-2 ta’ Gunju 2009 u registrat bl-att tat-twelid numru 2014/09, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut EB.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-konvenuti C u Vincent,konjugi B, isspearaw de facto fis-sena 2009 wara li l-istess konvenuta kienet dahlet f’ relazzjoni extra-matrimonjali ma’ l-attur.

Illi minn din ir-relazzjoni extra matrimonjali, il-konvenuta C B u l-attur A B kellhom tarbija li twieldet fit-2 ta’ Gunju 2009.

Illi gie dikjarat li r-relazzjonijiet intimi bejn il-konjugi B kienu waqqfu f’ Awwissu 2008. Irrizulta wkoll li l-konvenut EB kien ghamel xi xhur inkarcerat.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jikkonfermaw it-tezi tal-partijiet li t-tifel D m’huwiex il-wild naturali tal-konvenut EB, izda jindikaw lill-attur bhala l-missier naturali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel talba attrici, u wkoll l-ewwel parti tat-tieni talba huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara li l-konvenut EB m’huwiex il-missier naturali u bijologiku tat-tifel D B li twieled mill-konvenuta C B fit-2 ta’ Gunju 2009; u f’ dan is-sens tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid.

L-ispejjez ikunu kariku ta’ l-attur u tal-konvenuta C B f’ ismha proprju, konguntivament u fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------